

**It-Tnejn u Tletin Ħadd tas-Sena** | Il-Ħadd 6 ta' Novembru 2022

# Aħbar Tajba

2 Makk 7, 1-2. 9-14
Salm 16 (17), 1.5-6.8b u 15
2 Tess 2, 16 – 3, 5
Lq 20, 27-38

"Issa hu mhuwiex Alla tal-mejtin,
**iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix."**

Qatt għidt xi ħaġa u ndunajt li ħadt mhu jemmnek? Forsi rajt xi ħaġa li ma kontx qed tistenna u tlaqt minnufih biex tgħid lil sħabek u kif semgħu x'kellek xi tgħid bdew jidħqu għax ħaduk biċ-ċajt? Jew għidt lill-għalliema tiegħek li m'għandikx il-karta tal-homework għax ħuk iż-żgħir qattahilek imma hi ħasbitha skuża għax m'għamiltx xogħlok? Jew inkella l-qattusa laqgħtet xi tazza u waqqgħata mal-art u weħilt int mal-ġenituri tiegħek?

Aktar ma tipprova tikkonviċi lil ta' madwarek li dak li qed tgħid hu veru, aktar ikomplu jaħsbu li qed iġġib l-iskużi, imeruk u kultant jgħadduk xi ftit biż-żmien għax qisek qed tgħid il-ħmerijiet! Din l-esperjenza jgħaddi minna kulħadd. U meta ngħid kulħadd ifisser kulħadd, mill-iżgħar sal-ikbar fostna, saħansitra Ġesù!

Fl-Evanġelju tal-lum naqraw kif kien hemm min lil Ġesù ma emmnux, jew aħjar ma riedx jemmnu. Għaliex ma nafux eżatt, imma jgħid x'jgħid, dawn ma kienux jemmnuh, anzi kienu jippruvaw idawwrulu kliemu biex jippruvaw iwaqqgħuh għaċ-ċajt. Fost dawn insibu s-sadduċej. Grupp ta' nies intelliġenti ħafna, li naħseb li kienu jgħiru ftit għal Ġesù għax qisu kien ħadilhom posthom. Fejn soltu n-nies kienu jmorru għandhom biex jisimgħuhom jgħallmu, issa kienu qed imorru għand dan Ġesù. Ma kienux se jħalluhilu lixxa tafux! Le, bdew imorru jisimgħu jgħallem u mbagħad jibdew idawwru kliemu biex iwaqqgħu għaċ-ċajt ħalli n-nies titilqu u terġa tibda tmur għandhom.

Ġesù kien qed jgħallem fuq il-ħniena kbira ta' Alla u fuq il-ħajja ta' wara din, li ma tispiċċa qatt. In-nies kienu attenti ħafna. Għax min aħjar minn Ġesù seta' jitkellem fuq Alla? Imma s-sadduċej ippretendew li huma kienu jafu aktar u allura ppruvaw jikkonvinċu lill-oħrajn li Ġesù ma kienx jaf x'inhu jgħid.

Imma dan il-pjan tagħhom qatt ma rnexxa għax dak li kien qed jgħallem Ġesù ma kienx kliem biss, bħal tagħhom, imma kien il-verità. Is-sadduċej baqgħu ma emmnuhx imma mhux kulħadd għamel bħalhom. Kien hemm min baqa' jisimgħu u kliemu mess lil qalbhom. Aħna wkoll għandna din l-għażla quddiemna. Nistgħu ngħixu bħas-sadduċej u naħarbu t-tagħlim ta' Ġesù jew inwaqqgħuh għaċ-ċajt. Inkella nistgħu nfittxu fejn nisimgħuh u nħalluh imissilna qalbna. L-għażla f'idejna.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna.
Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
SADDUĊEJ, QAWMIEN, IMWIET, ARMLA, JIŻŻEWĠU, ANĠLI, XITLA, GĦOLLIEQ, ALLA, ĦAJJIN.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | K | T | GĦ | O | L | L | IE | Q | T |
| A | I | L | E | R | S | O | I | M | A |
| R | E | A | Ġ | Q | A | W | M | IE | N |
| B | N | R | M | A | D | W | W | A | Ħ |
| A | H | E | M | X | D | V | IE | L | A |
| A | N | Ġ | L | I | U | Ċ | T | L | J |
| R | A | L | I | T | Ċ | I | N | A | J |
| M | N | IE | K | L | E | P | T | I | I |
| L | A | M | P | A | J | A | R | T | N |
| A | J | I | Ż | Ż | E | W | Ġ | U | Ħ |



## Agħti l-kulur



"Issa hu mhuwiex Alla tal-mejtin,
**iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix."**

## Id-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran

Din il-ġimgħa ċċelebrajna d-dedikazzjoni tal-bażilika tal-Lateran. Imma għaliex taħsbu li niċċelebraw id-dedikazzjoni ta' bażilika li tinsab daqshekk 'il bogħod ġewwa Ruma? Mela l-bażilika mhux bini bħal ħafna oħrajn? Għaliex nagħmlu festa lill-bini? Mela, ħa nibdew mill-bidu. Meta qed niċċelebraw id-dedikazzjoni tal-bażilika m'aħniex niċċelebraw il-ġebel li jagħmel din il-binja tant sabiħa. Li qed niċċelebraw hija l-unità tal-Knisja, mhux il-Knisja tal-ġebel, imma l-Knisja bħala poplu ta' Alla. Il-Bażilika tal-Lateran hija dak il-post speċjali li kull Kattoliku jista' jqis id-dar. Għalhekk kull meta jintgħażel Papa ġdid jibda l-pontifikat tiegħu hawnhekk u mhux fil-Bażilika ta' San Pietru. Għax din l-ewwel waħda, 'l-Omm tal-knejjes kollha'. Mela tinsewx, f'din il-festa m'aħniex niċċelebraw ġebel imma l-għaqda li dejjem għanda ssaltan fil-Knisja li beda Ġesù.








Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**





AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION